MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 194/1994/1

**Numru 2**

**Citaz. Nru. 194/94**

**Maurice Camilleri, Frank Camilleri u Michael Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Roedean Shipping Inc. ta' Monrovia, Liberia, u b'nota tat-8 ta' Marzu 1994 Dr. Henri Mizzi u Dr. Louis de Gabriele assumew l-atti tal-kawza minflok l-assenti Maurice Camilleri, Frank Camilleri u Michael Camilleri**

**vs**

**Simon Bajada nomine li gie nominat b'digriet tal-15 ta' April 1994 wara li kien accetta l-bandi permezz ta'**

**nota, bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta is-socjeta` Trinacria Shipping Company Limited; u b'digriet tat-18 ta' April 1994 l-istess Simon Bajada nomine wara li accetta l-bandi permezz ta' nota, gie nominat bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta is-socjeta` Charisma Shipping Limited ghal kull interess li jista' jkollha' u b'digriet tal-14 ta' April 1994 l-Avukat Dottor Raymond Pace u l-Prokuraturici Legali Lucy Bonello gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw is-socjeta` estera Fennemore Investment Corporation ta' Panama City, Panama, ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-11 ta' Frar 1994 li permezz tagha l-atturi nomine wara li ppremettew:

Illi s-socjeta attrici ghandha mija u hamsa u ghoxrin (125) sehem ta’ lira `l wiehed fis-socjeta Charisma Shipping Limited minn total ta’ hames mitt (500) sehem ilkoll ta’ lira `l wiehed;

Illi s-socjeta  Charisma Shipping Limited ghandha erba mija u disa u disghin (499) sehem ta’ lira `l wiehed fis-socjeta Trinacria Shipping Company Limited;

Illi ghalhekk is-socjeta attrici ghandha sehem indirett ta’ hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) fis-socjeta Trinacria Shipping Company Limited;

Illi s-socjeta Trinacria Shipping Company Limited hi l-proprjetarja registrata tal-bastiment illum jismu  “Theano” ex “Palmier” ex “Theanoula” u ghar-ragunijiet hawn fuq premessi s-socjeta attrici ghandha wkoll interess indirett f’dan il-bastiment;

Illi s-socjeta Lucinda Holdings Inc. ta’ Monrovia, Liberia ghandha r-rimanenti tliet mija u hamsa u sebghin (375)

sehem ta’ lira `l wiehed fis-socjeta Charisma Shipping Limited u ghalhekk, bhala socju maggoritarju, din is-socjeta Lucinda Holdings Inc. ghandha l-kontroll effettiv tas-socjeta Charisma Shipping Limited;

Illi ghalhekk is-socjeta Lucinda Holdings Inc. bhala s-socjeta li ghandha l-kontroll tas-socjeta Charisma Shipping Limited, ghandha wkoll il-kontroll effettiv tas-socjeta Trinacria Shipping Limited;

Illi s-socjeta Trinacria Shipping Company Limited tmexxiet u qieghda titmexxa b’mod li d-drittijiet tas-socjeta attrici gew u qieghdin jigu lezi serjament u dan kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

Illi s-socjeta Trinacria Shipping Company Limited tmexxiet u qieghda titmexxa b’mod li l-obbligi bejn l-azzjonisti nkisru u qieghdin jigu miksura u dan kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

Illi s-socjeta Trinacria Shipping Company Limited tmexxiet u qieghda titmexxa b’mod irregolari u dan kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

Illi tali cirkostanzi huma gravi bizzejjed biex jaghtu lok ghax-xoljiment tas-socjeta Trinacria Shipping Company Limited taht l-artikolu 150(g) ta’ l-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali, Kap 168;

Talbu li din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li in vista tal-premess jezistu cirkostanzi gravi bizzejjed biex jiggustifikaw ix-xoljiment tas-socjeta Trinacria Shipping Company Limited; u

2. Konsegwentement ixxolji s-socjeta Trinacria Shipping Company Limited; u

3. Tinnomina stralcjarju ghas-socjeta Trinacria Shipping Company Limited;

Bl-ispejjez  kontra l-konvenuti noe li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Charisma Shipping Limited fejn qalet:

Preliminarjament, illi dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tiehu konjizzjoni ta’ dina l-kawza;

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, fl-ewwel lok l-atturi nomine ma ghandhom interess guridiku sabiex jintavolaw dina l-kawza u Trinacria Shipping Company Limited ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-atturi nomine, u fit-tieni lok illi ma jeziztux ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment tas-socjeta’ Trinacria Shipping Company Limited u lanqas ma jezistu fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjonijiet maghmula mill-atturi nomine fic-citazzjoni illi Trinacria Shipping Company Limited qed titmexxa b’mod li d-drittijiet tal-atturi nomine gew u qeghdin jigu lezi serjament, jew li hija tmexxiet b’mod illi l-obbligi bejn l-azzjonisti nkisru u qeghdin jinkisru, jew li s-socjeta tmexxiet b’mod irregolari, u di fatti l-atturi nomine ma hadu ebda azzjoni gudizjarja li taghtihom il-ligi in sostenn tal-pretenzjonijiet taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet  tas-socjeta` konvenuta Trinacria Shipping Company Limited fejn qalet:

Preliminarjament, illi dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tiehu konjizzjoni ta’ dina l-kawza;

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, fl-ewwel lok l-atturi nomine ma ghandhom interess guridiku sabiex jintavola dina l-kawza u l-eccipjenti nomine ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-atturi nomine, u fit-tieni lok illi ma jeziztux ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment tas-socjeta Trinacria Shipping Company Limited u lanqas ma jezistu fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjonijiet maghmula mill-atturi nomine fic-citazzjoni illi Trinacria Shipping Company Limited qed titmexxa

b'mod li d-drittijiet tal-atturi nomine gew u qeghdin jigu lezi serjament, jew li hija tmexxiet b'mod illi l-obbligi bejn l-azzjonisti nkisru u qeghdin jinkisru, jew li s-socjeta tmexxiet b'mod irregolalri, u di fatti l-atturi nomine ma hadu ebda azzjoni gudizzjarja li taghtihom il-ligi in sostenn tal-pretenzjonijiet taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta estera Fennemore Investment Corporation ipprezentata tramite l-kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentawha fejn qalet:

l. Illi l-eccipjenti m'humhiex dedotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri wara li jikkomunikaw mas-socjeta konvenuta.

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, ghandhom jigu esebiti d-dokumenti relattivi dwar l-allegazzjonijiet attrici in kwntu diretti kontra s-socjeta eccippjenti.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tad-29 ta' Mejju 1995 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Kevin Dingli bhala perit gudizzjarju biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju debitament mahlufa fl-24 ta' Gunju 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

**Preliminari**

Din il-kawza hija konnessa mal-kawza fl-ismijiet **Maurice Camilleri et noe vs Dr. Robert Tufigno noe (Citaz. Nru. 192/94)** u mal-kawza fl-ismijiet **Maurice Camilleri et noe vs Frederick Frendo noe et noe (Citaz. Nru. 193/94)**, il-kawzi numri 4 u 3 rispettivament fuq il-lista tallum. Il-provi ngabru kollha fil-kawza numru 3 fuq il-lista tallum izda japplikaw ukoll ghal din il-kawza kif ukoll ghall-kawza l-ohra numru 4 fuq il-lista tallum. Inoltre b'digriet ta' l-10 ta' Lulju 1998, din il-Qorti diversament presjeduta awtorizzat lill-perit gudizzjarju biex jirredigi u jipprezenta rapport wiehed biex iservi bhala prova fit-tliet kawzi. Difatti l-perit gudizzjarju hejja u pprezenta r-rapport tieghu proprju f'din il-kawza.

Jigi osservat li hadd mill-konvenuti ma pprezenta jew ghamel xi osservazzjonijiet ulterjuri jew xi kritika ghar-rapport filwaqt li l-atturi nomine, f'rikors ipprezentat fil-25 ta' Jannar 2000 (anness ma' l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Maurice Camilleri et noe vs Frederick Frendo noe et noe**) indikaw li ghalkemm ma jaqblux dwar certi aspetti tal-motivazzjoni tal-perit gudizzjarju, "huma jaqblu perfettament mad-*decide* kollha minnu rakkommandati".

**L-eccezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni**

Il-konvenut nomine jsostni fl-eccezzjoni preliminari tieghu li din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni biex tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza.

A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija llum stess fil-kawza fl-ismijiet **Maurice Camilleri et noe vs Frederick Frendo noe et noe - Citaz. Nru. 193/94**, taghmel ampja referenza ghall-konsiderazzjonijiet hemm maghmula dwar eccezzjoni identika u ghar-ragunijiet indikati tichad din l-ewwel eccezzjoni.

**L-eccezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' interess guridiku ta' l-atturi nomine u l-assenza ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet**

Il-provi kollha rakkolti juru l-kuntrarju ta' dak li qieghed jigi eccepit mis-socjeta` konvenuta Trinacria. Difatti bit-trasferiment tal-bastiment "THEANO" mis-socjeta` Charisma Shipping Limited lis-socjeta` Trinacria Shipping Company Limited, kien qieghed isir distakk bejn l-atturi nomine u l-bastiment imsemmi bi pregudizzju ghall-istess atturi nomine. Bhalma jistaqsi l-perit gudizzjarju, x'jiswa illi tigi stralcjata s-socjeta` materna jekk imbaghad is-socjeta` sussidjarja ma tigix stralcjata wkoll sabiex b'hekk ikunu jistghu jigu likwidati r-relazzjonijiet bejn l-atturi nomine u Tomasos? Il-provi juru konnessjoni intrinsika bejn l-atturi u Tomasos, bejnhom u s-socjeta` Charisma u bejn is-socjeta` Charisma u s-socjeta` Trinacria. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni hi michuda.

**Il-Mertu**

Hawn ukoll il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet kollha li saru fil-kawza fl-ismijiet **Maurice Camilleri et noe vs Frederick Frendo et noe et noe - Citaz. Nru. 193/94**, deciza llum stess, u ghall-istess ragunijiet li huma applikabbli anke ghal dan il-kaz tikkonkludi li t-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti Trinacria Shipping Company Limited u Charisma Shipping Limited, tilqa' t-talbiet attrici, u ghalhekk:

(1) tiddikjara li jezistu ragunijiet gravi bizzejjed biex jiggustifikaw ix-xoljiment tas-socjeta` Trinacria Shipping Company Limited,
(2) konsegwentement ixxolji s-socjeta` Trinacria Shipping Company Limited, u

(3) tinnomina lil Anthony Cassar bhala stralcjarju ghas-socjeta` Trinacria Shipping Company Limited.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta Trinacria Shipping Company Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------